30 ta' Novembru, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Gerardo Bugeja** *versus* **Emmanuele Galea**

**Bejgħ — Azzjoni Redibitorja — Vizji Okkulti — Garanzija.**

*Vizji redibitorji huma dawk li jirrendu l-oġġett tal-bejgħ mhux tajjeb għall-użu tiegħu, jew li jnaqqsu talment il-valur tiegħu illi, kieku x-xerrej kien jaf bihom, ma kienx jixtri l-oġġett. U jekk dawk id-difetti kienu fl-oġġett fil-mument tal-bejgħ, il-venditur huwa responsabili għalihom.*

*Il-venditur, ukoll jekk ma jwiegħedx u ma jiggarantix ebda kwalità speċjali rigward l-oġġett tal-bejgħ, ma jeħlisx mill-obligu legali għall-vizji tiegħu. U dan iżjed u iżjed meta huwa jkun biegħ l-oġġett bħala bla difetti, jew b'difetti anqas minn dawk li effettivament ikollu l-oġġett.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti analogi, wara li ppremetta illi fit-18 ta' Mejju 1950 huwa xtara minn għand il-konvenut "piano accordeon" bil-prezz ta' £22. 5. 0, u bid-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut illi kien strument kważi ġdid u kellu biss nota ftit difettuża; u illi l-konvenut, bl-iskuża illi fil-post fejn sar il-bejgħ kien hemm katavru, ma ħalliex lill-attur jipprova l-istrument, waqt li fl-istess ħin l-attur anqas hu bniedem li hu espert f'dawn l-istrument biex jinduna bid-difetti moħbija tagħhom; u illi rriżulta illi dan l-istrument kien difettuż ferm u kellu ħafna noti ħżiena; talab illi (1) jiġi dikjarat minn dina l-Qorti li l-konvenut biegħ lill-attur strument "piano accordeon" fit-18 ta' Mejju 1950, u ċjoè anqas minn xahar qabel dan l-att, b'vizzju redibitorju; (2) għalhekk jiġi minn dina l-Qorti rexiss il-bejgħ ta' l-istrument "piano accordeon" fuq imsemmi; u (3) konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat jirrestitwixxi lill-attur il-prezz li dan kien ħallas għall-istess "piano accordeon", u ċjoè s-somma ta' £22. 5. 0. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Mejju 1950, u komprizi dawk taċ-ċedola ta' depożitu tal-lum, kontra l-konvenut;

***Omissis;***

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma dawn li ġejjin...........;

Illi l-perit tekniku fisser lill-Qorti li l-pjanu "accordeon" ġà msemmi, fl-istat li hu, ma jistax idoqq, u ma jistax jinbiegħ ħlief għall-partijiet tiegħu........... Il-perit żied jgħid li d-difetti fuq imsemmija ma setgħux jiġu notati minn min ma huwiex espert fi strumenti simili, bla ma dan jinfetaħ;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur jippretendi li l-bejgħ ta' "piano accordeon" magħmul lilu mill-konvenut huwa affett minn vizzji redibitorji. Il-konvenut jopponi dina l-pretensjoni, u jallega illi f'dan il-pjanu "accordeon" ma jeżisti ebda vizzju redibitorju, u li fi kwalunkwe każ, biex il-vizzju redibitorju jagħti lok għar-rexissjoni tal-bejgħ, hemm bżonn li jkun ta' natura gravi u sostanzjali;

Illi l-vizzji redibitorji huma dawk id-difetti li jirrendu l-oġġett tal-bejgħ mhux tajjeb għall-użu tiegħu, jew li jnaqqsu l-valur tiegħu talment illi, kieku x-xerrej kien jaf bihom, ma kienx jixtrieh (App. 16. 2. 1945 "Buttigieg vs. Hirst", Vol. XXXII—I—163; Kummerċ 31. 5. 1929 "Gauci vs. Frendo", Vol. XXVII—III—454). Ma jistax ma jingħadx li l-"piano accordeon" in eżami ma huwiex tajjeb għall-użu tiegħu. Infatti, fi kliem il-perit tekniku, dak il-"piano accordeon" ma jistax jindaqq, u mhux suppost li ġie mibjugħ ħlief għall-partijiet tiegħu. L-attur ried u xtara dak l-istrument biex jitgħallem fuqu. Malli sar jaf bid-difetti moħbija tiegħu—difetti li huwa ma kienx jifhem, kif kien qal lill-konvenut fil-ħin ta' l-akkordju, u ma setax jikkonstatahom, għaliex, kif qal il-perit tekniku, dawn id-difetti jistgħu jiġu konstatati biss minn espert u wara li jiftaħ l-istrument—immedjatament mar ħadu lill-konvenut. Jiġifieri, kieku huwa kien jaf b'dawk id-difetti mill-ewwel, dak l-istrument ma kienx jixtrieh. Il-konvenut biegħ l-istrument lill-attur bil-kondizzjoni li kellu nota waħda biss imħassra; fil-fatt instab li kien hemm diversi difetti, talment li ma huwiex tajjeb għall-użu tiegħu; u għalhekk il-vizzji huma ta' natura gravi u sostanzjali. Dawn il-vizzji kienu jeżistu qabel il-bejgħ, u għalhekk il-konvenut huwa respon-

sabili għalihom (App. 23. 5. 1938, "Darmanin vs. Baldacchino", Vol. XXX—I—639). Ukoll kieku l-konvenut ma wiegħedx u ma ggarantixxa ebda kwalità speċjali rigward il-"piano accordeon", huwa ma kienx jeħles mill-obligu legali għall-vizzji tiegħu (Appell, 30. 3. 1936. "Portanier vs. Dalli", Vol. XXIX—X—591), Iżjed u iżjed huwa responsabili f'dan il-każ, meta huwa biegħ bil-kondizzjoni li ħlief difett wieħed fl-istrument ma kienx hemm, u dan fil-waqt li kien hemm dawk id-difetti kollha kif deskritti mill-perit tekniku;

Fl-aħħarnett ma hemmx kontestazzjoni li l-attur istitwixxa l-azzjoni fiż-żmien meħtieġ u legali, għaliex il-konsenja tal-"piano accordeon" mill-konvenut lill-attur saret fit-18 ta' Mejju 1950, u ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fit-8 ta' Ġunju 1950, jew f'anqas minn xahar minn dik il-konsenja;

Illi għalhekk il-pretensjoni ta' l-attur tirriżulta ġustifikata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi adeżivament għat-talbiet ta' l-attur; bl-ispejjeż.